Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 397/2013

Il-Pulizija

[Spettur Victor Aquilina]

Vs

Stefan Zammit

Illum, 22 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Stefan Zammit, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 161985M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-gzejjer, fl-14 ta' Settembru 2007 u fix-xahrejn ta' qabel:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali

tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fil-25 ta' Settembru, 2013, fejn il-Qorti, wara illi rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, l-Artikoli 17(h) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghall-piena ta' **sentejn u disa' xhur prigunerija effettiva** u multa ta' **elf u tlett mitt Euro (€1,300)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-

data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti ordnat l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta, tas-somma provenjenti mill-bejgh tad-droga eroina, ossia s-somma ta' elf, tliet mija u hamsin Liri Maltin (Lm1,350), ekwivalenti ghal tlitt elef, mija, erbgha u erbghin Euro u hamsa u sittin centezmu (€3,144.65), liema somma hija parti mis-somma ta' elfejn, hames mija u hamsin Liri Maltin (Lm2550), esebita bhala Dok. VA1. Il-Qorti ordnat r-rilaxx favur il-hati tar-rimanenti somma ossia s-somma ta' elf u mitejn Lira Maltin (Lm1,200) ekwivalenti ghal elfejn, seba' mija, hamsa u disghin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2795.25) u tal-*mobile phone*, esebit flimkien mas-somma msemmija bhala Dok. VA1.

Il-Qorti ordnat komunika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati Kriminali.

Rat ir-rikors tal-appellanti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Settembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant instab hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, tvarja l-piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi dan l-appell qed ikun limitat biss ghal dak li jikkoncerna l-piena moghtija. Illi f'dan is-sens l-appellant jilmenta li tenut kont tal-fatti speci tal-kaz, il-piena imposta fuqu hija wahda eccessiva, tenut kont tal-ammissjoni bikrija fejn ma lahqu nstemghu l-ebda provi tal-prosekuzzjoni meta huwa rregistra l-ammissjoni tieghu, il-koperazzjoni totali tieghu mal-awtoritajiet investigattivi inkluz ghajnuna ai termini tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-riabilitazzjoni totali

tal-esponent u l-fatt illi huwa qabad it-triq it-tajba, l-appellant umilment jissottometti li kellha tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta.

Fl-ewwel lok issir referenza ghal dak li jiddisponi l-artikolu tal-ligi rigward ir-reat kontinwat, stante illi l-komputazzjoni maghmula mill-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-istqarrija rilaxxata mill-imputat appellant, mhux talli ma tiehux in konsiderazzjoni dak li jipprovdi l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, talli tmur propju kontra l-ispiertu tal-ligi u dak li kellu f'mohhu l-legislatur b'din id-dispozizzjoni tal-ligi in kwantu ghal piena. Huwa car illi l-Ewwel Qorti, meta giet biex tikkomputa l-piena erogata fuq l-appellant trattat bhala incidenti izolati kull okkazjoni li fiha l-appellant ammetta li kien jittraffika d-droga. Filwaqt illi l-ligi tiddisponi illi f'tali okkazzjoni, l-piena ghandha tizdied bi grad jew tnejn, pero' l-persuna ghandha tigi sanzjonata fuq incident wiehed, l-Ewwel Onorabbli Qorti jidher li sanzjoat kull okkazzjoni, b' mod izolat u separat, kull meta l-appellant traffika d-droga. Dan qed jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt illi fuq l-appellant instab biss l-ammont ta' hames grammi eroina.

Fit-tieni lok, l-appellant umilment jissottometti illi ghalkemm il-prosekuzzjoni vverbalizzat u dan fis-seduta tat-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena l-ohra elfejn u tnax (2012), illi huwa kellu jgawdi minn tnaqqis fil-piena b'zewg gradi, u dan ai termin ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, dan ma giex rifless fil-piena, minkejja li l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ampja ghal dan il-fatt fis-sentenza moghtija minnha.

Illi in oltre qed issir referenza ghal verbal datat 15 ta' Mejju, 2013 (fol 23 tal-atti tal-kumpilazzjoni), fejn gie sottomess mill-Prosekuzzjoni illi in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputati u l-fatt li huwa jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena ghandha tqarreb lejn il-minimu.

Jinghad ukoll, illi kif sew innotat l-Ewwel Qorti, l-appellant xehed, u spjega illi huwa kien illum gheleb il-vizzju tad-droga tieghu, u li llum ghandu hajja stabbli, ghandu negozju zghir li jiggestixxi huwa stess, u li anke ghandu l-pjan jizzewweg. Jidher pero' illi l-qorti deherilha illi mhux minnu illi l-appellant kien vittma tad-droga u li

llum m'ghadux u dan peress illi huwa ma kien qal xejn lil pulizija dwar il-vizzju tieghu, kif ukoll peress illi ma gab ebda prova, b'xi xhud iehor illi huwa attenda programm ghar-rijabilitazzjoni tad-droga. Ghalhekk il-Qorti deherilha illi dan kollum mhux prova illi l-appellant irriforma ruhu. Bir-rispett kollu l-appellant ma jaqbel xejn ma dan ir-ragunament, u dan peress illi l-fatt illi dan kien l-ewwel reat tieghu, u l-fatt illi huwa qatt ma rega tressaq il-Qorti akkuzat bi kwalunkwe reat iehor, ga hija prova bizzejjed biex turi li huwa rriforma ruhu. Bil-kelma 'rriforma ruhu', il-Qrati taghna qatt ma taw x'jifhmu illi din hija Limitata biss ghal fatt illi persuna seta kien jiehu d-droga u issa m'ghadux, izda dejjem tawha tifsira ferm aktar wiesgha u cioe' li persuna li jibqghax fit-triq tal-kriminalita/

F'dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li sahansitra kienu recidivi, (mhux bhal fil-kaz tieghu peress illi huwa persuna b'kondotta kompletament netta) wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aquilina, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' probation.

> 'Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga … li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… jirrizulta li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru *urine sample tests* lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv... Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata

> opportunitajiet ohra sabiex jirriforma ruhu fil-passat izda huwa xorta wahda rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.'

Fis-sentenza, il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk, Issa, ghalkemm Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Farrugia:** "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero`, jinvolvu multi u habs. A propositu ta' din il-karriera, l-Avukat Generali, fir-rikors tieghu, jghid hekk: "F'dawn ic-cirkostanzi u f'din is-sitwazzjoni refrattarja u irriversibbli li fiha l-imputat waddab lilu nnifsu, l-esponent bl-akbar umilta` ma jista' qatt jaccetta jew jikkondividi it-tip ta' piena, jew ahjar il-mod kif l-ewwel qorti

deherilha li kellha titratta mal-imputat. Hawnhekk ma ghandniex xi kaz ta' xi cittadin Malti ta' eta` tenera li habat difrejh l-ewwel darba mal-ligi u jinstab l-ewwel darba quddiem il-Qorti." "Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' *Probation* hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna *a window of opportunity* li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.

Illi fic-cirkostanzi, l-esponent umilment jitlob illi l-Qorti joghgobha tahtar ufficjal tal-probation sabiex ihejji pre sentencing inquiry report sabiex jigi stabbilit definittivament il-fatt li jirrigwarda ir-riabilitazzjoni tieghu.

Ikkunsidrat,

Din il-Qorti tibda biex tgħid li fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti ta' dawn il-Qrati, meta jkun hemm ammissjoni, huwa xi ftit jew wisq odjuż appell mill-piena sakemm din tidħol fil-parametri prefissi mil-liġi. "Dan għaliex min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabbilta` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Dan ma jfissirx, pero`, illi f'kull każ din il-Qorti u Qrati oħra ta' l-appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eċċessiva jew le[1]". Fil-każ odjern, l-appellant ammetta l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu. L-ilment tiegħu, pero`, huwa li kienu jezistu l-attenwanti kollha sabiex jintitolawh ghal piena kareceraja li tqarreb lejn il-minimu ta' sitt xhur prigunerija fosthom l-applikazzjoni ta'l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 b'zewg gradi, ir-riforma fil-hajja tieghu, it-trapass taz-zmien minn meta gie intercettat mill-pulizija kif ukoll il-fedina penali nadifa tieghu, oltre l-ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

Issa minn ezami akkurat tad-decizjoni impunjata ghandu jirrizulta illi l-Ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet approfonditi li wassluha sabiex teroga il-piena ta' sentejn u disgha xhur prigunerija. Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatturi kollha indikati mill-appellanti fosthom l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-applikazzjoni ta'l-artikolu 29, madanakollu jidher illi l-Ewwel Qorti ma setatx tinjora l-fatt mhux ikkontestat illi l-appellanti, *ex admissis* fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija li finalment wasslitu sabiex jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap.101, kien jittraffika d-droga u dan purament ghal gwadjan finanzjarju, liema traffikar allura ma kienx marbut ma' xi vizzju ta'l-appellanti. Illi huwa minnu illi l-appellanti jidher li kien jabbuza mill-*cannabis* u jidher ukoll mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation illi huwa ma abbandunax ghal kollox dan il-vizzju, madanakollu wiehed ma jistax ighid illi huwa kien jittraffika biex isosstni l-vizzju tieghu billi jidher illi jekk kien hemm xi abbuz ta' droga dan ma kienx f'ammont tali li wasslitu ghal xi dipendenza tant illi irnexxielu jieqaf jabbuza mill-erojina minghajr ebda ghajnuna minn terzi[2]. Ma hemmx dubbju allura li hawnhekk il-Qorti qed titratta mat-traffikant veru u proprju, ghalkemm ma hemmx prova illi dan it-traffikar kien ilu isehh fuq medda twila ta' zmien u f'xi ammonti sostanjzali. L-appellanti jidher li kien jagixxi bhala *middleman* billi ikun il-kuntatt bejn is-*supplier* u il-klijent, ibiegh id-droga u jithallas biex jaghmel dan.

Illi l-piena stabbilita ghar-reat ta' traffikar ta' droga meta dan jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati ghandha tkun dik ta' prigunerija ta' bejn sitt xhur u ghaxar snin flimkien ma' multa ta' bejn €465.87 u €11646.87. Illi allura il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet taqa' sewwa fil-parametri dettati mill-ligi b'dan illi l-perijodu ta' sentejn u disgha xhur prigunerija jidher illi iqarreb iktar lejn il-minimu ta' sitt xhur milli lejn il-massimu ta' ghaxar snin prigunerija. Illi l-appellanti donnu qed jippretendi illi l-piena kellha tkun dik vicin il-minimu ta' sitt xhur prigunerija u dan

[2] Ara rapport ta'l-Ufficjal tal-probatyion Rhona Custo'

fid-dawl tal-fatt illi huwa ghandu jitqies bhala *first time offender*, ikkopera mal-pulizija, ghen sabiex jittiehdu proceduri kontra il-fornitur tieghu u anke ammetta mill-bidunett tal-proceduri u dan qabel ma kien inbeda is-smigh tal-provi. Illi madanakollu l-Ewwel Qorti dawn il-fatturi hadithom kollha in konsiderazzjoni meta giet biex tikkalibra l-piena li kellha tigi inflitta.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on**

**Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[3]"**

Stabbiliti ghalhekk dawn il-gwidi gurisprudenjzali u applikati imbaghad ghal kaz in dizamina, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida 'il ghala ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti li hadet in konsiderazzjoni il-fattispecje kollha tal-kaz u erogat piena fil-parametri dettati mill-ligi.

Finalment il-qorti ma tistax tifhem il-lanjanza ivventilata mill-appellanti meta jikkritika id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti ghaliex ighid illi din qieset ir-reat bhala wiehed kontinwat meta mid-decizjoni impunjata ma jidhirx illi dan il-fattur issemma, tant illi d-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 18 lanqas ma huma indikati fil-kalibrazzjoni tal-piena.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[3] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005